# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 10**

**31 ta' Lulju 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2017 kif ukoll approva l-minuti tal-laqgħa b'urġenza tal-10 ta' Lulju 2017. Il-Kunsillier Mario Mercieca talab li f'paġna 4 tal-laqgħa numru 8, tinbidel il-kelma minn ġranet għal siegħat għaliex il-fuljett wasal għandu ftit siegħat biss qabel. Is-Segretarja nfurmatu li ħadet nota sabiex din is-sitwazzjoni ma terġax tiġri.

### 10.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

10.2.1 Saret il-ħarġa ta' Sqallija fejn attendew 32 persuna, fosthom il-Kunsilliera Horace Micallef, Carmel Farrugia flimkien mas-Sindku u s-Segretarja. Żorna diversi postijiet, fosthom Falconara, Porto Empedocle, Scala dei Turchi, Valle dei Templi, Punta Secca, Muntanji Sicani, Sant' Angelo Muxaro, Shopping ġewwa Ċentru Kummerċjali f'Agrigenti fiċ-Citta dei Templi. Kif ukoll saret il-ħarġa f'Malta għall-Fiera l-Kbira fil-kumpless Montekristo. Attendew 13-il persuna, fosthom is-Sindku.

10.2.2 Waħda mill-*bollards* ta' Wied Siekel hija maqlugħha bil-konkos b'kollox. Saret ukoll żebgħa b'xi verniċ u spiċċa ħafna tiċpis mal-art fuq il-ġebla tal-qawwi ta' Wied Siekel. Dan sar meta saret il-manutenzjoni tal-bibien tal-*farmhouse* tal-isem 'Ir-Razzett'. Kemm dwar il-*bollard* kif ukoll dwar il-verniċ għandu jiġi avviċinat is-sid tal-*farmhouse* biex jitnaddaf il-verniċ u ma terġax tintmess il-*bollard* peress li hemm oħrajn li jinqalgħu. Is-Sindku rrimarka li din il-bollard mhux l-ewwel darba li ġiet maqlugħha. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li nagħmlu katnazz 'heavy duty' magħha. Ġie deċiż li l-bollard li se nixtru għal fejn l-Għajn tkun bil-base propja sabiex ikun jista jsirilha katnazz u nużaw il-ġdida għal Wied Siekel filwaqt li nieħdu l-oħra ħdejn l-Għajn.

10.2.3 Is-Sindku irrimarka li s-sinjali l-bojod li hemm mir-railing l-isfel mill-knisja sa fejn l-Għejjun għandhom bżonn jerġgħu jinżebgħu, dan għar-raġuni li qabel l-elezzjoni ix-xogħol taż-żebgħa tas-sinjali sar mill-Għajn il-Kbira l' isfel. Is-Segretarja ħadet nota sabiex tinforma lid-Direttur tal-Proġetti u Żviluppi.

10.2.4 Semma li hemm diversi talbiet pendenti ma' Transport Malta, fosthom ilment ta' Dr Chris Borg għal sinjali sofor f'parti minn Triq Wied Siekel. Kif ukoll sinjali sofor ta' ħdejn l-uffiċċju tal-kunsill, dwar ilment ta' Manuel Grech li ilu xhur. Is-Sur Horace Micallef semma li ma kienx hemm talba lil TM għaż-żebra crossing li trid issir fi Triq il-

Kappillan Ħili. Is-Sindku qal li din suppost saret mill-Ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard peress li kienet approvata mill-kunsill meta għamel il-pjanti l-perit Bezzina.

10.2.5 Sar il-patching estensiv u preparamenti għaż-*Zebra Crossing* fi Triq il-Kappillan Ħili u s-Sindku ltaqa' mal-Perit Clayton sabiex ittieħed il-kejl tax-xogħol.

10.2.6 Is-Sindku nforma lill-membri li kellu laqgħa mal-Perit Gordon Vella fejn iffirma t-talba sabiex l-applikazzjoni tal-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku tinqaleb għall-*porfido*. Tkellmu wkoll fuq il-*liquid membrane* u għandu jtina stima flimkien ma' parir dwar materjal li għandna nixtru.

10.2.7 Is-Sindku ressaq talba mir-residenta Karmena Said li toqgħod fi 11 Triq L-Isptar San Ġiljan. Is-Sinjura qegħda titlob li jsiru s-sinjali s-sofor kull naħa tal-garaxx tal-propjeta' tagħha.

10.2.8 Iridu jinbidlu l-pjanti li hemm fi Triq John Gaspard Le Merchant, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi, Sqaq Ta' Kaput u fuq l-Għajn ta' Bendu u jitwaħħlu oħrajn ġodda.

10.2.9 Is-Sindku rrimarka li ntefa' it-terrapin taħt ir-*railing* l' isfel mill-Knisja u għandna nitolbuh inaddfu qabel ma tibda x-xita.

10.2.10 Is-Sala tal-Komunita' ħa tagħlaq għaxar snin u s-sena d-dieħla se taħbat il-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsill. Is-Sindku irrimarka li kien ressaq fil-Kunsill sabiex isir il-manutenzzjoni u t-tisbiħ tas-sala sabiex tingħata dehra ġdida permezz ta' rinovazzjoni. Hemm bżonn ukoll li tiġi mgħammra bl-arja kkundizzjonata u *projector*. Għalhekk is-Sindku ippropona li jiġi mqabbad il-Perit Gordon Vella biex jagħmel rapport ta' x'hemm bżonn isir. Il-kunsill qabel ma dan.

10.2.11 Is-Sindku ippropona li fi Triq il-Kappillan Hili nagħmlu tiżjin ġdid tal-Milied minflok il-festuni li jintremaw kull sena. Minbarra li din it-triq tingħata dehra isbaħ jinqata' l-ħela ta' dawl li qed ikun hemm. Il-Kunsillier Mario Mercieca irrimarka li se tiġina għolja ħafna. Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li kieku jaqbel li noħorguha sabiex nikru d-disinn u x-xogħol u mhux xiri. Il-membri ddeċidew li noħorġu sejħa għal *quotations* sabiex nixtru tiżjin ġdid għal Triq il-Kappillan Ħili.

10.2.12 Is-Sindku informa lill-kunsill li attenda għal-laqgħa tar-Reġjun li saret fit-3 ta' Lulju li saret fil-Banca Giuratale.

## 10.3 Laqgħa mall-Ministru Għal Għawdex

Fil-21 ta' Lulju saret laqgħa mal-Onorevoli Ministru Għal Għawdex, Dr. Justyne Caruana, fejn attendew is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-kunsillier Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi diversi punti li jikkonċernaw il-lokalita' tagħna. Il-

Punti diskussi kienu dwar il-fondi ta' Eko Gozo, servizzi u xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Għajn kif ukoll fuq tindif ta' Triq ix-Xlendi u bini ta' ħajt tas-sejjiegħ żgħir ħdejn l-Għajn il-Kbira li tkissret meta kienet qed tinbena it-Triq Ta' Xlendi.

Is-Sindku semma li f'laqgħa li kellu l-kunsill mal-Ministru preċedenti f'Mejju tal-2016, wara li l-kunsill kien semma li l-fondi ta' Eko Gozo ma kienx nefaqhom fit-tindif ta' Wied tax-Xlendi, dik il-parti li hi fil-konfini tal-Fontana, minħabba dewmien fil-ħruġ tal-permessi mill-MEPA, għalhekk il-kunsill kellu jħallashom mill-fondi tiegħu. Meta ntalab li jingħata rimbors f'din il-laqgħa ma aċċettax iżda l-Ministru kien ippropona li l-kunsill iressaq proġetti ġodda. Il-kunsill kien ressaq it-tkomplija tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku billi s-saqaf isir bil-*porfido*, it-tkomplija tat-toroq b'fanali *energy saving* u *environmental friendly,* kif ukoll il-bdil tal-ħajt tal-kantun tal-Wied tax-Xlendi. Is-Sindku talab lill-Ministru biex ningħataw dawn il-fondi li ma ntefqux għal dawn ix-xogħlijiet.

Dwar ix-xogħol ta' kisi bit-tarmak li l-kunsill ser joħroġ l-offerti għalih bejn Pjazza Sant' Wistin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili, is-Sindku talab l-intervent tal-Ministru mal-Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma biex dawn jagħmlu bdil tas-servizzi u l-mejn taħt kull bankina fejn hi wiesa t-triq. Dan għar-raġuni li l-istess korporazzjoni ma laqgħux it-talba tal-kunsill biex isir minnhom, iżda bagħtu stima lill-kunsill biex joħroġ l-offerta l-kunsill. Dan il-ftehim kien ntlaħaq ukoll mal-Ministru preċedenti fil-laqgħa ta' Mejju tal-2016 fejn il-Ministeru għal Għawdex jaqbel l-parti li l-oħra ta' Triq il-Ghajn, bejn Triq il-Kappillan Guzepp Hili u l-knisja tiġi mdaħħla fil-programm tax-xogħlijiet tat-toroq tal-istess Ministeru.

Il-Ministru uriet ix-xewqa li s-sejħa għall-offerti tkun waħda li tkopri t-triq kollha u mhux parti minnha biss. Għalhekk, infurmatna li ser tiċċekkja jekk din it-triq hiex proġettata li ssir mill-gvern ċentrali u tkellemna lura fi żmien ġurnata. Il-Ministru staqsiet ukoll għaliex il-Kunsill ma jiffinanzjax il-proġetti ta' Eko Gozo li qed nitolbu minflok ma nonfquhom fuq triq li taqa' taħt ir-responsabilta' tal-gvern. Is-Sindku qajjem il-punt li għandna kollox preparat u l-proċess wasal biex toħroġ l-offerta. Huwa qal li kien hemm residenti li qed ibatu peress li ħafna mill-parti bejn Pjazza Sant' Wistin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili hija fi stat ħażin ħafna. Kompla jgħid li l-Kunsill kellu ftehim mal-Ministru preċedenti u għalhekk iħoss li din it-triq għandha ssir.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se tibgħat ittra lill-Ministru sabiex tara jekk għandhiex risposta sabiex tittieħed deċizzjoni dwar Triq il-Għajn. Is-Sur Horace Micallef u s-Sindku rrimarkaw li issa f'Għawdex se tinfetaħ l-Agenzija u għalhekk mhux se jibqgħu jsiru toroq mill-kunsilli.

## 10.4 Inizjattiva Finanzjarja

10.4.1 Għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabbilta' tal-Kunsilli Lokali. Ir-Reġjun ta' Għawdex ingħata s-somma ta' €100,000 għall-proġetti relatati ma' għoti ta' tarmak mill-ġdid f'toroq f'Għawdex. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se napplikaw għal din l-iskema.

## 10.5 Materji Oħra

10.5.1 Irċevejna żewġ stimi mingħand Eagle Security Systems għal żewġ 'security cameras'. Il-membri qablu li għandna niġbru l-i*specifications* mingħand inġinier u nerġgħu nitolbu stima oħra.

10.5.2 Irċevejna l-PA notices u hemm PA notice 005567/17 li qed tiġi mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-membri qablu li għandna nressqu l-oġġezzjoni tagħna ghal din l-applikazzjoni.

10.5.3 It-Tnejn l-10 ta' Mejju għall-ħabta tat-8.30 ta' filgħodu nsterqu l-komputers tal-Kunsill u nkitbet ittra lid-*Data Protection Commissioner*. Irċevejna risposta mingħand il-Kummissarju tad-Data, fejn infurmana li wara li ra l-korrispondenza tagħna mal-Pulizija u minħabba l-fatt li l-kas issa qiegħed f'idejn il-qorti jifhem li l-allegat kas kriminali jaqa' barra mill-parametri tad-*Data Protection Act.*

10.5.4 Irċevejna stima mingħand SMC design għall-istickers li hemm bżonn isiru biex ngħattu t-tabelli li hemm fi Triq il-Qalb ta' Gesu u jinsabu msaddin. Is-Sur Mario Cordina tal-SMC hu tal-opinjoni li jsiru mill-ġdid peress li l-ħadid spiċċa tant, li l-isticker ma teħilx. Il-prezz kwotat hu ta' €41.30 il-waħda mingħajr twaħħil. Il-membri qablu li dawn jinxtraw.

10.5.5 Il-Collection Agreement 2016 ġie ffirmat mis-Sindku illum u mill-ex Segretarju. Irċevejna 10% ħlas mingħand il-LESA li huwa ta' €74.03 u li jkopri x-xahar ta' Frar 2017.

10.5.6 Irċevejna l-istima mingħand Alka Ceramics li hu ta' €54.28 il-waħda. Il-membri qablu li nordnaw zewg plakek bl-isem 'Fontanella Gardens'.

10.5.7 Ktibna ittra lill-Kappillan fejn tlabnih għall-koperazzjoni sabiex jinġabar l-armar tal-logħob tan-nar tal-festa Titulari li hemm mifrux fi Triq iċ-Ċentru Parrokjali, wara l-knisja u fi Triq ta' Mulejja.

10.5.8 Ktibt lill-Kunsill tas-Siġġiewi sabiex jgħaddulna l-informazzjoni dwar ir-Rapport tal-espert li hemm bżonn isir għal 'speed camera'.

10.5.9 Irċevejna t-talba mill-Kappillan sabiex il-Kunsill jgħin biex isir Sports Fest għat-tfal kollha tar-raħal li ser tkun fit-13, 14 u 15 ta' Settembru u għal attivita' oħra s-Sibt 16 ta'

Settembru matul il-ġurnata kollha. Qed jitlob li tingħalaq Triq ta' Mulejja, użu tas-sala Komunitarja, li jitneħħa l-*parking lot* u li nisponsorjaw l-ispejjeż għat-*trophies*, dwal u *refreshments* li jammontaw għal €700. Is-Sindku rrimarka li s-sena l-oħra tħallejna barra mill-iSports Fest mingħajr lanqas biss ġejna nfurmati meta l-kunsill kien ilu jieħu sehem sa mill-bidu li beda jsir. Il-membri qablu li nħallsu sa massimu ta' €200 fi *trophies* għall-iSports Fest u skond iċ-ċirkolari numru 38 tal-2016 trid issir mill-kunsill u l-għoti tal-premjijiet għandu jsir il-Ġimgħa 15 ta' Settembru kif kien isir is-soltu, qabel il-BBQ. Dwar l-attivita' tas-Sibt, 16 ta' Settembru il-kunsill qabel li joffri s-sala tal-Komunita'.

10.5.10 Kellemna lill-kuntrattur dwar l-ordni tal-bins u nfurmana li se jaslu sal-aħħar ta' Awwissu. Kellemna lil tal-Wasteserv u infurmajnihom li se nibghatulhom l-irċevuti sal-aħħar ta' Awwissu.

10.5.11 Irċevejna t-talba mingħand Ċensu Agius sabiex issir tabella 'Tarmix żibel hawn' quddiem il-propjeta tiegħu. Il-membri qablu li nordnaw din it-tabella.

10.5.12 Proġett – Cirkolari 13/2017 - *Local Government Community Innovation Fund*. Il-Kunsill ipprepara proġett fejn nistgħu ninvolvu ż-żgħażagħ jew nies mil-lokalita' tagħna li għandhom interess komuni ma' nies oħra minn lokalitajiet differenti madwar Għawdex sabiex nsaħħu l-komunikazzjoni bejn il-komunitajiet.

10.5.13 Irċevejna l-kont tal-Komputer mingħand Techline u l-kont ġie ftit anqas minn dak previst. Dak ta' €390.00

10.5.14 Irċevejna minn TM fejn ġejna mitluba nikklarifikaw il-bżonn ta' Zebra Crossing.

10.5.15 Irċevejna diversi messaġġi mingħand is-Sur Brian Camilleri li joqgħoq fi Triq Mons Mikiel F Buttiġieġ fejn ilmenta dwar il-ħaxix ħażin u dwar il-ħmieġ li hemm maż-żewġ naħat tat-triq. Peress li din it-triq taqa' fil-kompetenza tal-Ministeru għal Għawdex, irreferejt dan il-kas lid-Direttur Proġetti u Żviluppi.

10.5.16 Intbgħatet default notice lil Carmel Xerri għaliex il-Latrina nżammet magħluqa f'diversi ġranet. Kien avżat li jekk terġa' tinstab magħluqa se tinżamm il-garanzija. Illum, fis-7.30 ta' filgħodu kienet għadha magħluqa u s-Sibt infetħet fit-8.15a.m.

10.5.17 L-iskrivan Christopher Buhagiar u l-kunsillieri Carmel Farrugia ġew nominati bħala *opening staff* sabiex jiftħu t-tender tal-Latrina li se tagħlaq fil-25 ta' Awwissu. Is-Sindku, u l-kunsilliera Horace Micallef u Victor Cefair ġew maħtura bhala *evaluators*, fejn William Sultana ġie maħtur bħala Chairperson.

10.5.18 Irċevejna emejl mingħand Green MT fejn ġejna nfurmati li l-ġbir riċiklabbli mhux se jsir it-Tlieta 15 ta' Awwissu imma se jsir l-Erbgħa 16 ta' Awwissu. Il-kunsillier Horace Micallef staqsa kemm hu possibli li ssir ġabra oħra nhar ta' Sibt minħabba li qed jirċievi diversi lmenti mir-residenti. Is-Sindku ppropona u l-memebri qabli li din il-ġabra

ndaħħluha fl-offerti sa' sena oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxiet li nibdew niġbruha minn issa sal-aħħar ta' Settembru u hekk kif se ninfurmaw lir-residenti bil-ġbir tas-16 t'Awwissu, ninfurmawhom anke b'dan. Il-membri qablu u għalhekk se tibda ssir ġabra kull nhar ta' Sibt sa l-aħħar ta' Settembru. Il-membri qablu li nohorġu avviż lir-residenti kollha sabiex ninfurmawhom b'din il-ġabra addizzjonali.

## 10.6 Korrispondenza

10.6.1 Irċevejna d-dokumenti proposti mil-Local Councils' Association dwar Swieq fil-beraħ, mwejjed u siġġijiet. Il-Kunsill huwa mitlub iressaq il-proposti tiegħu sal-25 ta' Awwissu.

10.6.2 Talba mil-President tar-Reġjun Għawdex sabiex il-membri jattendu għal-laqgħa tar-Reġjun li se ssir nhar l-Erbgħa 2 ta' Awwissu fejn se jiġi diskuss il-Pilot Project li sar mal-Wasteserv fuq l-introduzzjoni tal-borża organika.

10.6.3 Talba mir-Reġjun Għawdex sabiex inressqu l-proposti tagħna għall-Budget 2018. Tali proposti jridu jaslu sat-2 ta' Awwissu 2017.

10.6.4 Emejl mingħand r-Reġjun Għawdex fejn ġejna nfurmati li l-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali ser jattendi għal-laqgħa Ġenerali Annwali tal-LESA. Irċevejna emejl oħra fil-5 ta' Awwissu fejn ġejna nfurmati li s-Segretarju Parlamentari jixtieq jiltaqa ma' kulħadd.

10.6.5 Emejl mir-Reġjun Għawdex fejn preżentawlna il-Pjan Ekonomiku, Soċjali u Kulturali għall-Komunita' tar-Reġjun Għawdex u ġejna mitluba sabiex jekk interessati nressqu l-proposti tagħna dwar proġetti li jistgħu jitwettqu ġewwa Għawdex.

10.6.6 Emejl dwar Inizjattiva MCCF li tagħti l-possibilta' lil kull Kunsillier li jagħti €2.33 mill-Allowance ta' kull xahar bħala donazzjoni lil Istrina. Din hija inizjattiva volontarja u ħadd mhu qed jiġi mġiegħel jipparteċipa bilfors.

10.6.7 Emejl mill-PA dwar il-bilanċ tal-Fontana li issa jammonta għal €19,135.96.

10.6.8 Ċirkulari dwar informazzjoni għal dawk il-Kunsilli li jixtiequ jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea dwar WIFI 4 EU.

10.6.9 Ċirkulari Nru 3/2017 dwar pożizzjoni ta' Monitoring Officer fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

10.6.10 Ċirkulari dwar Kors tad-Dementia li se jibda f'Ottubru 2017 ġewwa Ħal-Lija.

10.6.11 Ċirkulari AKL 44/2017 dwar Taxxa u Kontribuzzjoni tas-Sigurta Soċjali fuq l-Allowance lill-Kunsilliera. Il-membri ġew provduti b'kopja ta' din iċ-ċirkulari.

10.6.12 Irċevejna ittra mill-Onor. Silvio Parnis, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali fejn spjega li l-ħidma għas-snin li ġejjin se tkun waħda mibnija fuq l-inklussivita' u s-serjeta'. Infurmana li fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun qed jagħmel kuntatt magħna sabiex jiltaqgħa personalment mas-Sindki u kunsilliera kollha.

10.6.13 Irċevejna emejl mill-Wasteserv sabiex jħajruna nipparteċipaw fil-European Week for Waste Reduction(EWWR).

10.6.14 Irċevejna l-aġenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex se ssir nhar l-Erbgħa, 2 ta' Awwissu fis-7.00 ta' filgħaxija.

10.6.15 Ċirkulari numru 3/2017 dwar Pożizzjoni ta' Assistent Direttur fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Promozzjoni tal-Kummerċ.

10.6.16 Ċirkulari numru 18/2017 mid-DLG dwar *Policy Guideline* dwar l-Immaniġġjar tal-Iskart Elettroniku (l-WEEE) miġbur mill-Kunsilli Lokali.

10.6.17 Emejl mir-Reġjun Għawdex fejn ġejna mitluba nattendu għal-laqgħa urġenti mal-Ministeru Għal Għawdex dwar l-Indafa f'postijiet Pubbliċi ġewwa Għawdex.

10.6.18 Emejls mid-DLG dwar il-Proġetti *Town Twinnings* u *Network of Towns Project* fejn diversi pajjiżi bħal Bulgaria, Serbia u Lithania qed ifittxu pajjizi biex jidħlu *partners* magħhom f'dawn il-proġetti.

10.6.19 Ċirkulari numru AKL 42/17 dwar Kollaborazzjoni mal-Kummisjoni Kontra l-Vjolenza Domestika f'sensiela ta'attivitajiet li se jsiru bejn 24 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru. Qed niġu offruti l-possibilta' sabiex nieħdu sehem billi nippromwovu kampanja ta' prevenzjoni u edukazzjoni dwar il-materja, kif ukoll billi jkollhom disponibbli fl-uffiċini materjal informattiv. Il-Kunsill qed jiġi mitlub jindika jekk hux se jieħu sehem. F'kas li jieħu sehem il-Kunsill irid jieħu sehem f'waħda mill-attivitajiet, jgħaddi l-informazzjoni tal-Kunsillier responsabbli mill-affarijiet soċjali, kif ukoll jixgħelu postijiet ta' nteress fil-lokalita' għal 3 Sibtijiet matul il-perjodu tal-attivita'.

10.6.20 Ċirkulari Numru 43/2017 dwar l-attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilta' fejn il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa jipparteċipaw sabiex tinfirex ir-responsabilta' tal-promozzjoni għal Trasport Sostenibbli.

10.6.21 Emejl bħala notifika dwar tibdil fl-applikazzjoni ta' PA/06736/16 Fontana Cottage Industries.

10.6.22 Ircevejna li se jsir meeting mal-pulizija nhar l-Erbgha, 9 ta' Awwissu fis-14.00p.m.

10.6.23 Cirkulari numru AKL 47/2017 dwar ġbir u mmaniġġjar tal-Iskart. Bi proposti dwar ġbir u immaniġġjar tal-iskart fil-lokalitajiet tagħna. Qed niġu mitluba sabiex nibgħatu l-kummenti u l-proposti tagħna sal-25 ta' Awwissu.

10.6.24 Emejl mill-AKL dwar ġbir ta' formoli sabiex dawn ikunu jistgħu jittellaw online għall-pubbliku. Dan sabiex il-pubbliku jkun jista' jinqeda online 24/7.

## 10.7 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha, 23 ta' Awwissu 2017 fil-3.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**